VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,466, 21 ta' Awwissu, 2015
Taqsima B

A.L. 278 tal-2015

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2015 li Jemendaw l-Avviż Legali 262 tal-2015

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima u s-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi għamlu r-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw l-Avviż Legali 262 tal-2015, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mal-Avviż Legali 262 tal-2015, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Avviż Legali prinċipali".

A.L. 262 tal-2015

Jemenda l-preambolu tal-Avviż Legali prinċipali.

2. Fil-Preambolu tal-Avviż Legali prinċipali, il-kliem "wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar," għandhom jiġu mħassra.